PETER SERRACINO-INGLOTT

# Kattoliċità Maltija - jew il-Vokazzjoni tal-Ħuttaba

Ippermettuli nibda b'żewġ aneddoti, għaliex id-diskors li se nagħmel mhuwiex xjentifiku, imma intwittiv, għaliex is-suġġett li ġejt mistieden nitkellem fuqu nista' narah biss minn ġewwa, għaliex jiena biċċa minnu u ngħix bih.

Il-bieraħ tajt l-ewwel konferenza fl-Università ta' Pariġi bħala Professur mistieden, u wara ġie sabni kollega. Qalli li ommu xiħa kien kunjomha Tewma, u għalkemm twieldet l-Alġerija u qatt ma żaret Malta, il-ġenituri tagħha kienu Għawdxin, u xejn ma kien jagħtiha aktar pjaċir milli kieku tirċievi qassis Malti d-dar tagħha, għax ma kinetx tiflaħ toħroġ. Ir-reliġjon għaliha, li trabbiet nisranija f'pajjiż musulman, kienet marbuta f'qalbha ma' l-egħruq misterjużi Maltin ta' nisilha.

U dan fakkarni fit-tieni aneddotu. Il-familja Inglott, bħal tant oħrajn Maltin, tferrxet mad-dinja. Wieħed minnha mar professur ta' l-Ingliż il-Ġappun. Il-familja tiegħu llum huma Ġappuniżi fid-dehra esterna ta' wiċċhom u fl-ilsien li jitkellmu; iżda baqgħu jżommu kuntatt ma' Malta, u meta kelli l-okkażjoni nżur Tokyo, laqgħuni b'entużjażmu għandhom, u sibt li kienu kolonna tal-parroċċa kattolika f'dan il-pajjiż, fejn l-insara huma minoranza żgħira ħafna, u impenjati ħafna fit-tlaħħim tal-kattoliċiżmu fil-kultura u fit-tradizzjonijiet ġappuniżi.

Irrakkontajt dawn iż-żewġ anedotti għaliex fit-tnejn joħorġu ż-żewġ tifsiriet, marbutin bejniethom tal-kattoliċità tal-Maltin. Il-kelma "kattoliku" tfisser l-ewwelnett universali, mifrux kullimkien, mad-dinja kollha. U minn hekk ġiet applikata għall-Knisja tagħna, li xewqitha hija li tiġbor il-bnedmin kollha u l-

ħolqien kollu kemm hu fi ħdanha, fl-għaqda ma' xulxin, ħaġa waħda flimkien, ġisem wieħed fi Kristu, igħix bir-Ruħ ta' Alla l-Missier innifsu.

Fiż-żewġ aneddoti hemm ukoll l-aspett tal-karattru Malti tal-Kattoliċiżmu tagħna. Fil-Malti jiena naħseb li hemm żewġ tendenzi, ġejjin mill-fatt li aħna ngħammru fi gżira ċkejkna. Minn banda, ix-xewqa li noħorġu mill-gaġġa, li nivvjaġġaw, li nżuru u nsiru nafu l-ħajja f'artijiet oħra, viċini bħall-Alġerija jew imbiegħda, bħall-Ġappun. Mill-banda l-oħra, fina tibqa' r-rabta, in-nostalġija, l-imħabba speċjali għal dik ir-roqgħa art fejn għajnejna nfetħu għad-dawl speċjali li jilma' fuq il-baħar ta' madwarha u jisreġ bil-ħerqa sfiqa tax-xemx fuq il-ġebel għasli tagħha.

*Żewġ xejriet ewlenin*

Hekk joħorġu ż-żewġ karatteristiċi ewlenin tal-mod kif il-Malti jgħix ir-reliġjon tiegħu. Minn banda, għandu sens qawwi ta' l-unità universali tal-Knisja, iħoss rabta qawwija ma'Ruma, il-qofol ta' din l-unità, mal-Papa bħala r-rappreżentant tar-ragħaj waħdieni tal-merħla li timraħ mad-dinja kollha, isostni l-missjunarji li bogħod minn gżiritna jinsabu f'kull rokna u tarf tal-ħames kontinenti. Mill-banda l-oħra jgħożż il-karatteristiċi lokali tar-raħal jew tal-parroċċa tiegħu, il-qaddis patrun tal-knisja fejn tgħammed, il-festa, bl-ilwien u l-ħsejjes u l-fatturi l-oħra li jagħżulha minn kull imkien ieħor. Il-kattoliku Malti għandu fil-fond ta' ruħu l-paradoss tal-missjoni ta' Kristu: li jgħaqqad f'xirka waħda l-bnedmin kollha, mingħajr ma din il-komunjoni teqred id-diversità kbira bejn il-bnedmin u bejn il-ġnus, għax kull bniedem u kull ġens jirrifletti xi ħaġa speċjali mis-sbuħija ta' Alla nnifsu u mill-imħabba bla tarf li wriena fi Kristu, Ibnu.

Il-bidu dejjem iħalli marka li ma titħassarx. Il-bniedem, minkejja t-tiġrib kollu tal-ħajja, jibqa' dejjem iġorr f'bixritu s-siġill ta' twelidu. U hekk ukoll fir-reliġjon. L-appostli kollha baqgħu mmarkati bil-mod kif seħħet l-ewwel laqgħa tagħhom ma' Kristu. F'San Ġwann, l-evanġelista, baqgħet dejjem tinħass il-ħlewwa u l-paċi ta' meta sejjaħlu warajh Ġesù fix-xatt ta' l-għadira fejn kien jistad u ħajtu nbidlet mingħajr skossi; filwaqt li f'San Pawl baqgħet dejjem tinħass, anki fil-mod tal-kitba, is-sabta u l-ħabta ma' l-art tal-konverżjoni drammatika tiegħu fit-triq ta' Damasku, u baqa'

dejjem il-bniedem li twieled darbtejn. Hekk ukoll, jiena naħseb li l-Maltin baqgħu mmarkati għal dejjem fl-istil u l-ispirtu ta' ħajjithom mill-miġja ta' San Pawl.

Kull Malti jisma' tant drabi f'ħajtu l-istorja tan-Nawfraġju. Jisma' li San Pawl qal li kienu se jsalvaw mill-għarqa għax "kien meħtieġ" li hu jasal Ruma. Għaliex din il-"ħtieġa"? Mir-rakkont kollu ta' l-Atti ta' l-Appostli nsiru nafu li l-ħtieġa kienet li l-Appostlu tal-Ġnus, San Pawl, li kellu r-responsabbiltà għall-knisja kollha fl-artijiet tal-pagani, kellu jaffronta direttament lill-kapijiet ta' l-Istat, lill-mexxejja ta' l-Imperu Ruman, l-istess kif Kristu kellu, minħabba l-Vanġelu tas-Salvazzjoni, jaffronta lill-awtoritajiet politiċi ta' Ġerusalemm. Hekk il-Maltin jitgħallmu mill-ewwel li r-reliġjon mhijiex biss xi sentiment intern, ċaqliqa tar-ruħ li m'għandha x'taqsam xejn mal-ħajja tal-ġisem u mal-ħajja ta' flimkien kif jaħsbu xi protestanti. Fil-qiegħ ta' qalb il-Maltin jintiseġ l-għarfien li r-reliġjon għandha x'taqsam mal-konverżjoni tad-dinja, jiġifieri mal-mod kif il-bnedmin għandhom igħixu flimkien, jekk xi darba jridu jiltaqgħu m'Alla wiċċ-imb-wiċċ.

Il-Kattoliċiżmu tal-Maltin għalhekk ilewwen ix-xoqqa kollha tal-kultura Maltija. Dan jidher ċar saħansitra fid-dehra tal-pajsaġġ tal-gżejjer tagħha. Fil-lemħa stupenda ta' Malta u Għawdex mill-ajruplan, l-aktar li jolqot huwa l-mod kif id-djar ta' l-irħula jinġabru bħal flieles madwar il-knisja għolja bħal qroqqa tgħattihom bid-dell ta' ġwenħajha. Imbagħad jolqot fatt ieħor: id-djar huma mhux biss aktarx baxxi, imma kwadri, kubiċi, bħal kaxex, fil-waqt li l-knisja mhux biss tisboqhom fil-għoli, imma dan tagħmlu b'sura tonda jew ovali, bil-koppla barokka, jiġifieri b'forma li ġejja mill-Ewropa, minn Ruma, b'kuntrast mad-dehra għarbija, tipika tan-naħa t'isfel tal-Mediterran li għandu l-bqija tar-raħal. Il-barokk tal-knejjes Maltin jindika r-rabta maċ-ċiviltà ta' l-ibliet, mal-kultura Ewropea tal-Kavallieri, imxenxla madankollu b'oriġinalità fil-kuntest tal-pajsaġġ rurali u meridjonali tagħna.

Tajjeb li naraw fiex tikkonsisti din l-oriġinalità, għax naħseb li fiha naraw dak li tassew jagħżel il-ġenju Malti minn dak ta' ġnus oħra.

Il-karatteristika ta' l-isbaħ knejjes Maltin — ta' Tumas Dingli, ngħidu aħna — hija li d-dekorazzjoni barokka mhix ħlief qoxra miżjuda fuq qafas klassiku, bis-sens tal-qies u tas-samm li tagħti

l-ġebla maltija. M'hemmx l-eżaġerazzjoni ġganteska u ċ-ċaqliq imqalleb bħal tal-ħolm li nsibu fil-barokk Spanjol jew ta' l-Italja t'isfel. Il-Malti jispikka fil-kapaċità li jlaqqa' flimkien il-wirt ta' kulturi differenti. L-oriġinalità ta' l-artisti Maltin ma tidhirx tant fil-ħolqien ta' elementi ġodda, daqs kemm fir-rabta ġdida bejn ħwejjeġ li qabel ma kinux jinstabu flimkien. L-istess kif l-oriġinalità ta' lsienna tinsab fit tlaqqigħ ta' bażi għarbija ma' kumplament rumanż u żidiet oħra, hekk l-aspetti l-oħra tal-kultura. Il-kreattività tal-Malti hija, fuq kollox, dik tal-ħuttaba: tal-persuna li kapaċi tlaqqa' tnejn li mingħajrha ma kinux jiltaqgħu u li flimkien joħolqu l-ġdid, u l-ġid. Hekk saru nsara l-Maltin — f'inċident ċentrali fil-proċess li San Pawl kellu jwettaq, — li jwassal għad-djalogu l-werrieta tat-tradizzjoni Lhudija u tal-kultura Griega-Rumana, — fil-ħolqien ta' ħolqa bejn Ġerusalemm u Ruma, f'salib it-toroq bejn il-Lvant nofsani u l-Ewropa. U din hi l-vokazzjoni li ssuktat tkun dik tal-Maltin.

*It-tkattir tal-komunikazzjoni*

Il-qofol tal-Kattoliċiżmu huwa li jkattar il-komunikazzjoni bejn il-bnedmin sa ma jaslu biex jinsġu ħajjithim flimkien bħal familja waħda, bħal aħwa. U Malta jistħoqqilha l-isem ta' "Kattoliċissima", kif darba sejħilha Papa, sakemm u daqskemm taqdi din il-funzjoni li tkun ħolqa ta' komunikazzjoni bejn nies ta' nisel u wirt differenti.

Mhux diffiċli li wieħed jara għaliex il-qadi ta' din il-vokazzjoni kattar fil-Maltin il-bżonn u l-għatx għall-indipendenza politika. Il-ħuttaba ma tistax tagħmel xogħolha tajjeb jekk tkun ilsira. Nafu li tul il-biċċa l-kbira ta' l-istorja tagħha, Malta kienet maħkuma mill-barranin, imma nifhmu għaliex il-Maltin qatt ma qatgħu qalbhom għal żmien twil billi jissieltu biex jiksbu rajhom f'idejhom. Pajjiż ħakkiem kważu bilfors, b'mod jew ieħor, ikun irid jimponi l-kultura, l-ilsien u t-twemmin tiegħu fuq il-poplu maħkum. U dan ma jfissirx ħlief il-qerda ta' l-individwalità u ta' l-identità ta' poplu. Fil-każ tagħna, biex isservi ta' misraħ fejn jiltaqgħu l-ġnus, biex tkun il-pont bejn oqsma differenti ta' l-umanità, ma setgħetx tkun tappartieni lil wieħed jew lil ieħor. Il-medjatur irid ikun mingħajr irbit, ħlief mal-kuxjenza tiegħu. L-interpretu jrid jifhem żewġ lingwi, imma jħossu midħla tat-tnejn indaqs, bħala ideal. Il-ħotba

għandha tkun kemm jista' jkun trasparenti, bħal ħġieġa li tħalli jgħaddu minn ġo fiha l-imrieżaq tad-dawl miż-żewġ naħat.

Ir-Reliġjon tal-Maltin kienet għalhekk fattur mill-aktar qawwi fit-tisħiħ tar-rieda tagħhom li jkunu ħielsa. Biex ikunu jistgħu jaqdu l-vokazzjoni internazzjonali tagħhom, fid-dawl tal-Kattoliċità ta' twemminhom, ħteġilhom li jkunu huma nfushom nazzjon. Mhux nazzjoni li jrid jimponi ruħu fuq ħaddieħor, imma li jkollu sehem xieraq fil-kunċert tan-nazzjonijiet, sewwa sew billi jkun wieħed mill-mezzi li jgħinhom jikkomunikaw aħjar bejniethom.

Dan ma seħħx mingħajr ambigwità. Qabel xejn, il-Knisja magħmula minn bnedmin; għal ħafna żmien anki l-kapijiet tal-Knisja Maltija kienu jkunu barranin, u t-tentazzjoni dejjem baqgħet, anki għal Maltin, li jagħmlu kompromessi mas-setgħanin. Jiġri fil-ħajja li t-tabib jimrad hu stess bl-istess marda li jrid ifejjaq fl-oħrajn. Anzi dik hi l-kordinazzjoni permanenti tan-nisrani. Imma l-Knisja m'hijiex l-Isqfijiet, u wisq inqas il-kbarat. Il-Knisja hija l-poplu t'Alla miexi lejn il-Ġerusalemm tas-sema fit-triqat ta' din l-art. Il-Kattoliċiżmu tal-Maltin huwa, fuq kollox, reliġjon popolari.

Minkejja l-post speċjali li għandu San Pawl fir-reliġjon tal-Maltin, bħala Missierna, jolqot il-fatt li Malta hija wkoll il-gżira tas-seba' Santa Marijiet, u ħafna aktar minn seba' huma l-festi tal-Madonna taħt titli oħra li jimlew il-kalendarju taċ-ċelebrazzjonijiet ta' gżiritna. U nistgħu ngħidu li l-figura ta' l-Omm hija dominanti fil-festa tar-reliġjon, u forsi wkoll tal-kultura, Maltija, kif osservaw diversi kittieba barranin milli għarbluna b'ċertu għaqal.

*L-element femminili u matern*

Tabilħaqq, fl-istorja artistika ta' Malta, li ftit tista' tifridha mill-istorja reliġjuża, jekk is-sekli ta' Caravaggio u Mattia Preti kienu żmien tad-deheb, kien żmien ieħor, l-uniku żmien ieħor, meta f'Malta ġew prodotti espressjonijiet ta' ruħ il-bniedem, li jitqiesu fost l-aqwa prodotti tad-dinja, u dan kien iż-żmien preistoriku, ta' l-għabex tal-kultura u tan-nazzjon tagħna, iż-żmien li tara eluf ta' snin ilu l-imqades tal-Ġganija, ta' Ħaġar Qim, ta' Ħal Tarxien u ta' Ħal Saflieni. U minn dak iż-żmien, ġà tiddomina x-xbieha li nsejħulha ta' l-"alla-omm". Mhuwiex dan il-post fejn

niddiskutu t-tifsira ta' din il-figura tal-qedem, imma ridt insemmiha għax teħodna lura, lejn bidu aktar ewlieni minn dak tal-kattoliċiżmu Pawlin tagħna, lejn il-marka tal-femminilità li timla l-ewwel xefaq ta' ġrajjietna, u li għadha sa llum taħkem l-immaġinazzjoni u x-xbihat ta' l-aqwa artisti Maltin. U f'xi nħawi, bħal Tas-Silġ, għandna x-xhieda ta' kontinwità ta' qima reliġjuża, u fejn kienet forsi meqjuma l-"alla-omm" ta' eluf ta' snin qabel Kristu, hemmhekk illum hija meqjuma Omm Alla, li sar bniedem għalina. Naħseb li l-preżenza qawwija ta' dan l-element femminili u matern fil-kumpless tar-reliġjon u tal-Kattoliċiżmu Malti huwa ta' l-akbar importanza, biex aħna nifhmu lilna nfusna.

M'għandniex xi ngħidu, huwa magħruf li l-kult marjan huwa wieħed mill-aspetti li jiddistingwi fost l-insara lill-Kattoliċi, u magħhom l-Ortodossi griegi u russi, fuq naħa, mill-Protestanti, fuq l-oħra. Dan ma jorbotx biss ma' l-attitudni differenti lejn il-mara, u b'mod speċjali lejn l-omm, u sehemha fit-trobbija tal-familja li nsibu fil-pajjiżi Kattoliċi u ortodossi, b'kuntrast ma' dawk Protestanti, imma wkoll ma' mod differenti ta'kif inħarsu lejn Alla u lejn is-solidarjetà umana.

Fl-ewwel paġni tal-Bibbja, naqraw li meta Alla ħalaq il-bniedem xbieha tiegħu, ħalqu raġel u mara. Huwa fir-raġel u l-mara flimkien, u fil-kapaċità ta' bejniethom li jnisslu l-ulied, li tidher tassew ix-xbieha t'Alla — fil-kreattività ta' l-imħabba bejniethom, u mhux fir-raġel waħdu, jew fil-mara għaliha. U jekk ħafna Protestanti jiskantaw, u ġieli għalina d-dar t'Alla hija d-dar tagħna, dan għaliex fil-fond ta' qalbna, bħal fix-xbihat tal-Ġudizzju (li mhumiex tant komuni fil-knejjes tagħna bħalma huma f'dawk tal-pajjiżi Nordiċi) ma'ġenb il-figura ta' Alla mħallef tidher dejjem il-figura tal-Mara li tħenn, ta' l-Omm tal-mogħdrija. Ix-xejra tal-Malti mhijiex li jisħaq fuq it-traxxendenza t'Alla, imma fuq l-Inkarnazzjoni tiegħu fil-ġuf ta' Mara. Jagħraf ukoll li t-triq tas-sagrifiċċju hija t-triq tas-salvazzjoni, u d-dramm tal-Ġimgħa l-Kbira jgħixu, anki b'ċerta teatralità. Imma Alla jibqa' għalih il-ħabib tal-bnedmin, li fuq kollox irid il-ħbiberija bejn il-bnedmin, u l-aqwa ħbiberija bejn ir-raġel u l-mara, ma' wliedhom u qrabathom, fil-familja. Jekk il-figura ta' San Pawl dejjem tfakkar lill-Malti li r-reliġjon għandha ħafna x'taqsam mal-ħajja politika, ma' l-użu tas-setgħa bħala servizz biex tinbena l-belt tal-ġustizzja, il-figura ta'

l-Omm, Marija, tfakkar li r-reliġjon għandha x'taqsam ħafna wkoll mat-tkattir tal-ħajja, mas-sesswalità, u ma' l-imħabba. Fuq kollox, il-figura ta' l-"alla-omm" ta' l-imqades tal-qedem kienet turiha bħala l-ġuf li minnu joħroġ kull bniedem, sew raġel sew mara. Kienet ix-xbieha ta' l-unità tar-razza umana mnissla mill-istess għajn tal-ħajja. Hekk ukoll, ix-xbieha ta' Marija tfakkar dejjem li l-bnedmin kollha huma ta' l-istess familja.

Min-naħa l-oħra, id-dehra tal-Madonna taħt ħafna figuri, forom u ismijiet differenti, tippermetti li l-istess Mara jkollha rabtiet speċjali u partikulari ma' gruppi u komunitajiet differenti. Hekk, l-għarfien tad-diversità, u r-rikonoxximent tat-tjubija ta' din id-diversità, jistgħu jibqgħu sħaħ. Mill-ġdid hawn lok hawnhekk fejn jidħol is-serp li rasu ma tidhirx mgħaffġa għal kollox taħt l-għarqub tal-Mara (kif ukoll jingħad li l-velenu li San Pawl neħħa mill-lifgħa mar f'ilsien il-Maltin). Imma minkejja dan kollu, id-dimensjoni Marjana prominenti tal-Kattoliċiżmu Malti mhux biss iżżomm umana (forsi ximindaqqiet wisq umana) l-prattika tal-fidi, imma tikkontribwixxi wkoll biex in-nazzjonaliżmu Malti jibqa' orjentat lejn s-supranazzjonaliżmu tal-Belt ta' Alla.

*L-egħliem tal-Kattoliċità*

"Kien meħtieġ". Din il-frażi wkoll għandha l-perikli tagħha. Dejjem hemm perikli kbar kull meta bniedem jew ġens iħoss qawwi fih sens ta' vokazzjoni jew missjoni divina. Iċ-ċokon, għall-grazzja t'Alla, ma tantx jagħti ċans lil ebda Malti li joħlom għalih innifsu l-ħolm ta' xi Hitler jew ta' xi Napuljun. Għallinqas ma jagħtiniex ċans, anki jekk noħolmuh, li nwettquh. Imma t-twemmin fil-Provvidenza faċli jixxattar f'sens falz tad-destin. Kemm-il darba impressjonawni Maltin li jgħidu "hekk kien miktub" bħallikieku kienu Misilmin aktar milli Kattoliċi. Kemm-il darba ħassejt issaltan aktar ir-rassenjazzjoni għax-xorti, milli l-impenn għal bidla u għal bini ta' dinja ġdida. It-tentazzjoni, li hija miktuba fil-karattru tal-Kattoliċiżmu Malti, hija dik li nikkuntentaw bil-"jekk Alla jrid". Mhix tant dik tal-Fawst tedesk, tal-patt max-xitan biex taħkem kulma toffri d-dinja mill-quċċata, daqskemm biex tissokta fir-raqda tal-medjokrità (kif ippreżentaha z-ziju tiegħi, Erin Serracino Inglott, fir-*Raġel li Ħadha mal-Mewt)*. Hija t-tentazzjoni ta' dawk il-baħrin li riedu jniżżlu dgħajsa mill-ġifen ta' San Pawl biex

jippruvaw isalvaw għal rashom, filwaqt li San Pawl wissa' li s-salvazzjoni kienet biss billi kulħadd jibqa' flimkien. Fil-qsim u l-ikel tal-ħobż flimkien biss kienet tinżel il-barka t'Alla.

Hafna barranin jistagħġbu meta jaraw f'raħal żgħir ta' Għawdex knisja li ma kinetx tagħmel għajb kieku kienet il-kattidral tal-belt kapitali ta' pajjiż kbir. Ir-reliġjon għallmet lill-poplu tagħna li mhuwiex ġenn li tinvesti l-enerġija u l-ħila tiegħek f'riżorsi simboliċi, fil-ħolqien ta' l-opri ta' l-arti, fi ħwejjeġ li f'għajnejn min ma jarax aktar 'il bogħod minn imnieħru huma kompletament inutli. Fil-prattika, anki f'perspettiva materjali, bil-mogħdija taż-żmien, huma l-ħwejjeġ li prezzhom l-aktar jogħla; u min għandu s-sens tal-bnedmin, tar-rabta f'ħaġa waħda ta' ġenerazzjoni ma' l-oħra, u għalhekk iħares fil-bogħod jara li l-wirt li jiswa l-aktar, anki mil-lat ekonomiku, li ħallew missirijietna huwa sewwasew dawn ir-riżorsi simboliċi, il-kapolavuri ta' l-arti, il-ħwejjeġ sbieħ li jiġu biex jaraw (u jħallsu biex jarawhom) it-turisti, il-ħwejjeġ li jferrħu l-qalb u jagħtuna sens ta' dinjità u rispett lejna nfusna. Huma fuq kollox l-opri tar-reliġjon. Huma l-egħliem tal-Kattoliċità tagħna.

Hija din li, l-għada ta' l-indipendenza, nebbħet lil dawk li raw l-aktar 'il bogħod fostna bil-proposti li tassew ġabulna ġieh fid-dinja — l-idea tal-Wirt Komuni ta' l-Umanità u tad-drittijiet tal-Bniedem, mhux biss individwali u li qed igħix issa, imma tal-kollettività tal-bniedem, inklużi dawk li għad iridu jitwieldu, l-espressjoni tal-milja tal-Kattoliċità, l-essenza tal-vokazzjoni tal-ħuttaba fost il-ġnus.

Għal sekli, qabel, l-istorja ta' pajjiżna għexnieha bħallikieku fil-qabar. Konna poplu bħal Lazzru magħluq wara l-ġebla, imkebbeb fil-faxex tal-mejtin, jistenna, lest biex igħix mill-ġdid. F'dik il-kundizzjoni kien diffiċli għalina li nfissru l-ferħ sħiħ tal-fidi tagħna. Leħinna kien maħnuq u kliemna mqarqaċ, u x-xbihat u s-simboli li pproduċejna dak iż-żmien kienu mtappna bit-turufnament ġewwa darna.

Illum aħna aktar ħielsa biex nifthu ħalqna mingħajr sarima, biex inneħħu kull maskra minn quddiem wiċċna, biex wara l-mixja mudlama qalb id-dellijiet tad-dinja l-ġdida, b'nifs qawwi ngħaddu 'l hemm mill-ħitan tal-ħabs imwaqqa'.

Ha tiddi d-dinja! Ha ngħannu l-għanja tat-tama, bil-qawwa ta' fidi li tisboq iż-żmien. Il-fidi li l-Imħabba tassew għelbet il-Mewt darba waħda fuq għolja fil-Palestina.